



Kunsill Ewropew

Brussell, 25 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

EUCO 7/21

CO EUR 4
CONCL 4

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (24 u 25 ta' Ġunju 2021) – Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. COVID-19

1. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress tajjeb fit-tilqim u t-titjib ġenerali fis-sitwazzjoni epidemjoloġika, filwaqt li jisħaq fuq il-ħtieġa li nkomplu bl-isforzi tat-tilqim u li nkunu viġilanti u koordinati b'rabta mal-iżviluppi, partikolarment it-tfaċċar u t-tixrid ta' varjanti.
2. Il-ftehimiet li ntlaħqu dwar iċ-Ċertifikat COVID Diġitali tal-UE u dwar ir-reviżjoni taż-żewġ Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar l-ivvjaġġar fl-UE u dwar l-ivvjaġġar mhux essenzjali lejn l-UE ser jiffaċilitaw vjaġġar transfruntier sikur. L-Istati Membri ser japplikawhom b'mod li jiżgura r-ritorn sħiħ għall-moviment liberu hekk kif is-sitwazzjoni tas-saħħa pubblika tippermetti.
3. Il-Kunsill Ewropew jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għas-solidarjetà internazzjonali b'rispons għall-pandemija. Il-ħidma li għaddejja biex tingħata spinta lill-produzzjoni globali tal-vaċċini u l-aċċess universali għalihom, b'mod partikolari permezz tal-COVAX, għandha titmexxa 'l quddiem malajr. Il-pajjiżi u l-manifatturi kollha li jipproduċu għandhom jikkontribwixxu b'mod attiv għall-isforzi biex tiżdied il-provvista dinjija tal-vaċċini, il-materja prima, it-trattamenti u l-prodotti terapewtiċi għall-COVID-19, u jikkoordinaw l-azzjoni f'każ ta' konġestjoni fil-provvista u d-distribuzzjoni.
4. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-deċiżjoni adottata mill-74 Assemblea Dinjija tas-Saħħa li titlaqqa' sessjoni speċjali tal-Assemblea Dinjija tas-Saħħa f'Novembru 2021 dwar Konvenzjoni Qafas dwar l-Istat ta' Tħejjija u r-Rispons għall-Pandemiji. L-UE ser tkompli taħdem lejn trattat internazzjonali dwar il-pandemiji.
5. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta t-tagħlimiet inizjali li jistgħu jittieħdu mill-pandemija abbażi tar-rapport mill-Kummissjoni. Jistieden lill-Presidenza li jmiss biex tmexxi 'l quddiem fil-Kunsill il-ħidma biex jissaħħu l-istat ta' tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza kollettivi tagħna għal kriżijiet futuri u biex jitħares il-funzjonament tas-suq intern.

II. RKUPRU EKONOMIKU

6. Il-Kunsill Ewropew irreveđa s-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni ta' Next Generation EU. Jilqa' d-dħul fis-seħħ f'waqtu tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżorsi Propri, li ppermettiet li l-Kummissjoni tibda tissellef riżorsi għal Next Generation EU biex tappoġġa rkupru sħiħ u inklużiv u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tal-Unjoni.
7. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Kunsill imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq il-Pjanijiet Nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza bil-ħsieb tal-approvazzjoni taġġhom sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jaġġmlu użu sħiħ mill-potenzjal tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u jissottolinja l-importanza ta' implimentazzjoni sħiħa u f'waqtha tal-pjanijiet filwaqt li jitħares l-interess finanzjarju tal-Unjoni.
8. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jilqa' l-miri ewlenin tal-UE tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Porto.
9. Il-Kunsill Ewropew japprova l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.
10. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess progress rapidu dwar riforma globali tat-taxxa korporattiva fuq bażi konsenswali fi ħdan il-qafas tal-G20/OECD.

III. MIGRAZZJONI

11. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni tal-migrazzjoni fid-diversi rotot. Filwaqt li l-miżuri meħuda mill-UE u l-Istati Membri naqqsu l-flussi irregolari kumplessivi f'dawn l-aħħar snin, l-iżviluppi f'xi rotot iqajmu tħassib serju u jeħtieġu t-tkomplija tal-viġilanza u azzjoni urġenti.

12. Sabiex jiġi evitat telf ta' ħajjiet u titnaqqas il-perssioni fuq il-fruntieri Ewropej, ser jiġu intensifikati s-sħubijiet u l-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu, bħala parti integrali mill-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea. L-approċċ ser ikun prammatiku, flessibbli u mfassal apposta, ser juża b'mod koordinat, bħala Tim Ewropa, l-istrumenti u l-inċentivi kollha disponibbli tal-UE u tal-Istati Membri, u ser iseħħ f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNHCR u l-IOM. Għandu jindirizza r-rotot kollha u jkun ibbażat fuq approċċ ta' rotta sħiħa, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali, l-appoġġ għar-refuġjati u l-persuni spostati fir-reġjun, il-bini tal-kapaċitajiet għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-qerda tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin u t-traffikar, it-tisħiħ tal-kontroll fuq il-fruntieri, il-kooperazzjoni fuq it-tfittxija u s-salvataġġ, l-indirizzar tal-migrazzjoni legali filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi nazzjonali, kif ukoll l-iżgurar tar-ritorn u r-riammissjoni. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew:
- jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex isaħħu minnufih azzjonijiet konkreti ma' pajjiżi prijoritarji ta' oriġini u ta' tranżitu u appoġġ tanġibbli lilhom;
 - jappella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex iressqu pjanijiet ta' azzjoni għal pajjiżi prijoritarji ta' oriġini u ta' tranżitu fil-ħarifa 2021, billi jindikaw objettivi ċari, aktar miżuri ta' appoġġ u skedi ta' żmien konkreti;
 - jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-aħjar użu possibbli ta' mill-inqas 10 % tal-pakkett finanzjarju tal-NDICI, kif ukoll finanzjament taħt strumenti rilevanti oħra, għal azzjonijiet relatati mal-migrazzjoni, u tirrapporta lill-Kunsill dwar l-intenzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward sa Novembru.
13. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna u jiċħad kwalunkwe tentattiv minn pajjiżi terzi biex jistrumentalizzaw lill-migranti għal finijiet politiċi.

IV. TURKIJA

14. Il-Kunsill Ewropew reġa' lura għas-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran u r-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mat-Turkija, u fakkar fl-interess strateġiku tal-UE f'ambjent stabbli u sigur fil-Lvant tal-Mediterran u fl-iżvilupp ta' relazzjoni kooperattiva u ta' benefiċċju reċiproku mat-Turkija. Jilqa' t-tnaqqis tat-tensjoni fil-Lvant tal-Mediterran, li jeħtieġ li jinżamm f'konformità mad-dikjarazzjoni mill-Membri tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu 2021.
15. Il-Kunsill Ewropew itenni r-rieda tal-UE li timpenja ruħha mat-Turkija b'mod gradwali, proporzjonat u riversibbli biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni f'għadd ta' oqsma ta' interess komuni, soġġett għall-kondizzjonalitajiet stabbiliti mogħtija f'Marzu u f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew.
16. F'konformità ma' dan il-qafas, jieħu nota tal-bidu tal-ħidma fil-livell tekniku għal mandat għall-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali bejn l-UE u t-Turkija u jfakkar fil-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diffikultajiet attwali fl-implimentazzjoni tal-Unjoni Doganali, filwaqt li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tagħha għall-Istati Membri kollha. Tali mandat jista' jiġi adottat mill-Kunsill soġġett għal gwida addizzjonali mill-Kunsill Ewropew.
17. Jieħu nota wkoll tal-ħidma preparatorja għal djalogi ta' livell għoli mat-Turkija dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, bħall-migrazzjoni, is-saħħa pubblika, il-klima, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u kwistjonijiet reġjonali.
18. Il-Kunsill Ewropew jappella lill-Kummissjoni biex tressaq mingħajr dewmien proposti formali għall-kontinwazzjoni tal-finanzjament għar-refuġjati Sirjani u l-komunitajiet ospitanti fit-Turkija, il-Ġordan, il-Libanu u partijiet oħra tar-reġjun, f'konformità mad-dikjarazzjoni tal-Membri tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2021 u fil-kuntest tal-politika globali tal-UE dwar il-migrazzjoni.

19. Il-Kunsill Ewropew ifakkar fil-konklużjonijiet preċedenti tiegħu u jibqa' impenjat bis-sħiħ għal soluzzjoni komprensiva tal-problema ta' Ċipru abbażi ta' federazzjoni bikomunitarja u biżonali b'ugwaljanza politika, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Huwa jissottolinja l-importanza tal-istatus ta' Varosha u jappella għar-rispett sħiħ tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari r-Riżoluzzjonijiet 550, 789 u 1251. Jiddispjaċih li l-laqgħa informali f'Ġinevra taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti ma wittietx it-triq biex jissoktaw negozjati formali. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taqdi rwol attiv fl-appoġġ tal-proċess.
20. L-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fit-Turkija jibqgħu preokkupazzjoni ewlenija. L-attakki fuq il-partiti politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-media jirrappreżentaw passi kbar lura għad-drittijiet tal-bniedem u jmorru kontra l-obbligi tat-Turkija li tirrispetta d-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tan-nisa. Id-djalogu dwar tali kwistjonijiet jibqa' parti integrali tar-relazzjoni bejn l-UE u t-Turkija.
21. F'konformità mal-interess kondiviż tal-UE u t-Turkija fil-paċi u l-istabbiltà reġjonali, il-Kunsill Ewropew jistenna li t-Turkija u l-atturi kollha jikkontribwixxu b'mod pożittiv għar-riżoluzzjoni tal-kriżijiet reġjonali.
22. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi din il-kwistjoni.

V. LIBJA

23. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma l-impenn tiegħu għall-proċess ta' stabbilizzazzjoni tal-Libja taħt l-awspiċċi tan-Nazzjonijiet Uniti. L-elezzjonijiet għandhom isiru kif maqbul fil-Pjan Direzzjonali fl-24 ta' Diċembru 2021 u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu aċċettati minn kulħadd.
24. Il-Kunsill Ewropew jappella għal progress fid-djalogu politiku inklużiv u mmexxi mil-Libjani u għall-irtirar mingħajr dewmien tal-forzi barranin u l-merċenarji kollha.

VI. RUSSJA

25. F'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Mejju 2021, il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-relazzjonijiet mar-Russja, b'kont meħud tar-rapport mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni.
26. L-Unjoni Ewropea hija impenjata għal approċċ Ewropew magħqud, fit-tul u strateġiku bbażat fuq il-ħames prinċipji gwida. Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex ikomplu jimplimentawhom bis-sħiħ, b'kont dovut għall-valuri, il-prinċipji u l-interessi tal-Unjoni Ewropea.
27. Il-Kunsill Ewropew jistenna li t-tmexxija Russa turi involviment aktar kostruttiv u impenn politiku u li ttejjm l-azzjonijiet kontra l-UE u l-Istati Membri tagħha, kif ukoll kontra pajjiżi terzi.
28. Il-Kunsill Ewropew jappella lir-Russja biex tassumi bis-sħiħ ir-responsabbiltà tagħha fl-iżgurar tal-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehimiet ta' Minsk bħala l-kondizzjoni ewlenija għal kwalunkwe bidla sostanzjali fil-pożizzjoni tal-UE.
29. Rigward it-tisħiħ tar-reżiljenza tagħna, il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa għal rispons sod u koordinat mill-UE u l-Istati Membri tagħha għal kwalunkwe attività malizzjuża, illegali u ta' tfixkil mir-Russja, bl-użu sħiħ tal-istrumenti kollha għad-dispożizzjoni tal-UE, u l-iżgurar ta' koordinazzjoni mas-sħab. Għal dan il-għan, il-Kunsill Ewropew jistieden ukoll lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jippreżentaw opzjonijiet għal miżuri restrittivi addizzjonali, inkluż sanzjonijiet ekonomiċi.
30. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li jiġu approfonditi u intensifikati aktar ir-rabtiet politiċi, ekonomiċi u bejn il-persuni u l-kooperazzjoni mas-Sħab tal-Lvant bil-ħsieb li tiżdied ir-reżiljenza tagħhom. F'dan il-kuntest, ifakkar fid-dikjarazzjoni tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant tal-2017 li tagħraf l-aspirazzjonijiet Ewropej u l-għażla Ewropea tas-Sħab tal-Lvant ikkonċernati, kif iddikjarati fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, u fil-kuntest tad-dħul fis-seħħ tagħhom. Huwa jissottolinja wkoll l-impenn tiegħu għall-approfondiment tar-relazzjonijiet mal-Asja Ċentrali.

31. Il-Kunsill Ewropew itenni l-ftuħ tal-Unjoni Ewropea għal impenn selettiv mar-Russja f'oqsmha ta' interess għall-UE. Huwa jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jiżviluppaw opzjonijiet konkreti inkluż kondizzjonalitajiet u l-eżerċitar tal-influenza tagħhom f'dan ir-rigward, bil-ħsieb tal-kunsiderazzjoni tagħhom mill-Kunsill, dwar suġġetti bħall-klima u l-ambjent, is-saħħa, kif ukoll kwistjonijiet magħżula ta' politika barranija u ta' sigurtà u kwistjonijiet multilaterali bħall-PAKK, is-Sirja u l-Libja. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Ewropew ser jesplora formati u kondizzjonalitajiet ta' djalogu mar-Russja.
32. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-limitazzjonijiet fuq il-libertajiet fundamentali fir-Russja u l-ispazju li qed jiċkien għas-soċjetà ċivili. Huwa jenfasizza l-ħtieġa għal kuntatti bejn il-persuni u appoġġ kontinwu tal-UE għas-soċjetà ċivili Russa, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-media indipendenti. Huwa jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex iressqu proposti f'dan ir-rigward.
33. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għall-isforzi kollha biex jiġu stabbiliti l-verità, il-ġustizzja u r-responsabbiltà għall-vittmi tat-twaqqiġ tal-MH17 u l-qraba tagħhom u jappella lill-Istati kollha biex jikkooperaw bis-sħiħ mal-każ legali li għaddej.
34. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni, jivvaluta l-implimentazzjoni u jipprovdi gwida ulterjuri kif meħtieġ.

VII. BELARUSSJA

35. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri li jikkonċernaw il-Belarussja, f'konformità mal-konklużjonijiet tiegħu tal-24 u l-25 ta' Mejju 2021.
36. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appell tiegħu għall-ħelsien immedjat tal-priġunieri politiċi kollha u tal-persuni detenuti b'mod arbitrarju, inkluż Raman Pratasevich u Sofja Sapega, u għat-tmiem tar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-media indipendenti. Huwa jtenni d-dritt demokratiku tal-poplu Belarussu li jeleġġi l-president permezz ta' elezzjonijiet ġodda, ħielsa u ġusti.

VIII. SAHEL


37. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-appell tiegħu lill-awtoritajiet ta' tranżizzjoni tal-Mali biex jimplimentaw bis-sħiħ il-Karta tat-Tranżizzjoni. Huwa jilqa' l-konklużjonijiet tas-summit tal-ECOWAS li sar fid-19 ta' Ġunju.
38. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser ikompli jappoġġaw l-istabbilizzazzjoni tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel, b'mod partikolari l-Forza Konġunta tal-G5 tas-Saħel, permezz tal-kontinwazzjoni tal-missjonijiet u tal-impenn tal-PSDK tal-UE fit-Task Force Takuba.
39. Il-Kunsill Ewropew jirriafferma l-appoġġ tal-UE għall-isforzi tal-pajjiżi tal-G5 tas-Saħel biex isaħħu l-governanza, l-istat tad-dritt u l-provvista tas-servizzi pubbliċi fit-territorji tagħhom.

IX. ETJOPJA

40. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-atroċitajiet, il-vjolenza bbażata fuq l-etniċità u l-vjolenza sesswali u ksur ieħor tad-drittijiet tal-bniedem li għaddejjin fir-reġjun ta' Tigray tal-Etjopja u jilqa' l-investigazzjonijiet li għaddejjin biex tinstab ir-responsabbiltà u ssir ġustizzja. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-waqfien immedjat tal-ostilitajiet, l-aċċess umanitarju mingħajr xkiel għaż-żoni kollha u l-irtirar immedjat tal-forzi Eritreani.
41. L-UE u l-Istati Membri tagħha jtenu l-impenn tagħhom li jappoġġaw lill-Etjopja fl-implimentazzjoni tar-riformi demokratiċi u fl-isforzi ta' rikonċiljazzjoni.

X. ĊIBERSIGURTA'

42. Il-Kunsill Ewropew jikkundanna l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi reċenti kontra l-Istati Membri, inkluż fl-Irlanda u fil-Polonja. Huwa jistieden lill-Kunsill biex jesplora miżuri adatti fil-qafas tas-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija.



Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Guterres.

